MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja
IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 120/7

It-Tnejn 11 ta' Marzu 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

120.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

120.2 Mozzjoni – Bdil fil-konfini

120.3 Tmiem tal-laqgħa

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

| | |
|---|---|
| **120.1.0** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 120.1.1 | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija |
| **120.2.0** | **Mozzjoni – Bdil fil-konfini** |
| 120.2.1 | Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega li huwa kien irċieva talba mingħand il-Kunsilliera s-Sur Mark Anthony Sammut u s-Sur Stefan Caruana sabiex il-mozzjoni kif sottometta minnhom dwar il-bdil fil-konfini, liema mozzjoni mmarkata Dok 'A' li tifforma parti integrali ta' dawn il-minuti, tiġi diskussa f'laqgħa b'urġenza tal-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa fehem u aċċetta l-urġenza ta' din il-materja u għalhekk sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza. |
| 120.2.2 | Diskussjoni: |

Is-Sindku ta l-kelma lis-Sur Sammut sabiex jinforma lill-Kunsill dwar skop u għan ta' din il-mozzjoni.

Is-Sur Sammut qal li l-Att dwar il-Kunsill Lokali 363 jinsab fit-tieni qari quddiem il-Parlament u wara tmur f'Kumitat fejn jistgħu jsiru xi emendi.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana fakkru li riċentament il-Kummissjoni Elettorali permezz ta' imejl kien informa lill-Kunsill li kien iddiskuta dan mal-Ministru Dr. Owen Bonnici, Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u għalhekk huwa f'loku li l-Kunsill iressaq mozzjoni proprjament turi dak li l-Kunsill ilu jitlob għal snin twal sabiex jinbidlu l-konfini tal-lokalità tal-Gudja bil-għan ewlieni li fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali l-Ajruport ikun deskritt 'Limiti tal-Gudja' u mhux aktar 'Limiti ta' Ħal Luqa'.

Il-Kunsill iħoss illi l-qagħda tal-konfini tal-lokalità tal-Gudja ma tagħmilx ġustizzja mal-istorja u sens ġeografiku fejn attwalment jinsab l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Il-Kunsill ikkonsidera wkoll illi fil-bdil fil-konfini kif mitluba mill-Kunsill ma teħtiġx xi residenti għax fil-fatt ma hemm l-ebda residenza jew votant involut. Għalhekk il-Kummissjoni Elettorali ma għandu l-ebda diffikultà li jaqbel mal-bdil tal-konfini kif mitluba mill-Kunsill tal-Gudja.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li din hija okkażjoni unika u peress li jixtieq jibqa' ffukat fuq l-Ajruport, iħoss illi f'dan l-istadju ma jżidx inħawi oħra li jitlob li jinbidlu.

Il-Kunsill qabel ukoll li meta tqis il-kwistjoni tal-isfida tal-parkeġġ ġewwa l-Gudja kif ukoll aspetti oħra inkluż dawk finanzjarji, it-talba tal-Kunsill li l-Parlament japprova

l-emenda fil-konfini kif mitluba f'din il-mozzjoni huma ta' importanza kbira għall-Kunsill kif ukoll għall-komunità tal-Gudja.

Il-mozzjoni ġiet għall-vot.

Is-Sindku ressaq il-mozzjoni u l-Viċi Sindku ssekonda din il-mozzjoni.

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni kif preżentata (mingħajr ebda emenda) u ddeċieda ukoll li jitlob lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Dr. Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali Onor. Silvio Parnis (kopja lill-Onor. Robert Cutajar – Shadow Minister) sabiex iressaq din it-talba quddiem il-Parlament u b'hekk isiru l-emendi fit-tieni skeda u fir-Raba' skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u b'hekk l-Ajruport ikun deskritt 'Limiti tal-Gudja'.

## Għeluq tal-Laqgħa

120.3.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa urġenti ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-7.15pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |